32005D0648

L 238/16 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 15.9.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-8 ta' Settembru 2005

## dwar il-miżuri ta' ħarsien relatati mal-marda tan-Newcastle fil-Bulgarija

*(notifikata taħt dokument numru C(2005) 3389)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2005/648/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistipula l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tagħha,

Billi:

(1) Nhar it-23 ta' Awwissu 2005, il-Bulgarija kkonfermat li kien hemm tifqiegħa tal-marda tan-*Newcastle* fid-distrett amministrattiv ta' Vratsa fil-Bulgarija. Il-marda tan-*Newcastle* hija marda virali li tittieħed ħafna fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar u hemm ir-riskju li l-aġent tal-marda għandu mnejn jiġi introdott permezz tal-kummerċ internazzjonali fit-tjur ta' l-irziezet ħajjin u fil-prodotti tat-tjur ta' l-irziezet.

(2) Fid-dawl tar-riskju għal saħħet l-annimali minħabba r-riskju ta' dħul il-marda fil-Komunità, huwa għalhekk xieraq li jittieħdu miżuri fir-rigward ta' l-importazzjoni tat-tjur ta' l-irziezet ħajjin, l-għasafar li ma jtirux, it-tjur tal-priża mrobbijin u selvaġġi u tal-bajd tat-tifqis ta' dawk l-ispeċijiet mill-Bulgarija.

(3) Il-Bulgarija kkomunikat aktar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-marda u talbet għar-reġjunalizzazzjoni sabiex l-importazzjoni lejn il-Komunità tiġi sospiża mid-distrett amministrattiv ta' Vratsa biss, billi s-sitwazzjoni fil-bqija tal-pajjiż tidher li hija sodisfaċenti. L-informazzjoni disponibbli preżentement toffri l-possibilità li l-miżuri ta' protezzjoni jitnaqqsu għal reġjun speċifiku.

(4) Għaldaqstant, l-importazzjoni lejn il-Komunità mid-distrett amministrattiv ta' Vratsa fil-Bulgarija għandha tkun sospiża f'dak li hu laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet, ta' l-għasafar li ma jtirux, tat-tjur tal-priża mrobbijin u selvaġġi, tal-preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam magħmula mil-laħam ta' dawk l-ispeċijiet jew li fihom dan l-istess laħam, miksuba minn għasafar maqtula wara s-16 ta' Lulju 2005.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/432/KE ([3]), tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni minnhom ta' prodotti tal-laħam, u tistabbilixxi sistemi ta' trattament sabiex jiġi evitat ir-riskju li l-mard jinxtered permezz ta' dawn il-prodotti. It-trattament li għandu jiġi applikat għall-prodott jiddependi mill-istatus tas-saħħa tal-pajjiż ta' l-oriġini, b'rabta ma' l-ispeċi li minnha jinkiseb il-laħam; biex ikun evitat xkiel żejjed fuq il-kummerċ, l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam tat-tjur ta' l-irziezet li joriġinaw fil-Bulgarija ttrattati b'temperatura ta' mill-anqas 70 Ċelsjus fil-prodott kollu għandu jkompli jiġi awtorizzat.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deliżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artkolu 1*

L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjoni mid-distretti amministrattivi fil-Bulgarija elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni ta' tjur ta' l-irziezet ħajjin, għasafar li ma jtirux, tjur tal-priża mrobbijin u selvaġġi u ta' bajd għat-tifqis ta' dawn l-ispeċijiet.

*Artkolu 2*

L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjoni mid-distretti amministrattivi fil-Bulgarija elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni ta':

a) laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet, ta' l-għasafar li ma jtirux, tat-tjur tal-priża mrobbija u selvaġġi; u

b) preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn, jew fihom il-laħam ta' l-ispeċi msemmija fil-punt (a).

([1]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

([2]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

([3]) ĠU L 151, 14.6.2005, p. 3.

*Artkolu 3*

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2 (a) u (b), l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti koperti minn dak l-Artikolu li jkunu nkisbu minn tjur ta' l-irziezet, għasafar li ma jtirux, u tjur tal-priża mrobbija jew selvaġġi li jkunu ġejjin mid-distretti amminisrattivi fil-Bulgarija elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u li tbiċċru jew inqatlu qabel is-16 ta' Lulju 2005.

2. Fiċ-ċertifikati veterinarji mehmużin mal-kunsinni tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, għandu jiġi inkluż dan il-kliem li ġej:

> "Laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet/laħam frisk ta' għasafar li ma jtirux/laħam frisk ta' tjur tal-priża selvaġġi/laħam frisk ta' tjur tal-priża mrobbija/prodotti tal-laħam li jikkonsisti minn, jew fihom il-laħam tat-tjur ta' l-irziezet, ta' l-għasafar li ma jtirux, tat-tjur tal-priża mrobbija jew selvaġġi/preparazzjonijiet tal-laħam li jikkonsistu minn, jew li fihom il-laħam tat-tjur ta' l-irziezet, ta' għasafar li ma jtirux, ta' laħam tat-tjur tal-priża selvaġġi jew imrobbija (*) skond l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2005/648/KE".
>
> (*) Ingassa skond il-każ.

3. Permezz ta' deroga mill-punt (b) ta' l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn, jew li fihom laħam tat-tjur ta' l-irziezet, ta' għasafar li ma jtirux, tat-tjur tal-priża selvaġġi jew imrobbija, meta l-laħam ta' dawn l-ispeċijiet jkun għadda minn wieħed mit-trattamenti speċifiċi msemmija fil-punti B, C jew D fil-parti 4 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/432/KE.

*Artkolu 4*

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ sabiex jikkonformawhom ma' din id-Deċiżjoni u għandhom jippubbliċizzaw il-miżuri adottati b'mod xieraq u immedjat. Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni bihom.

*Artkolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-23 ta' Awwissu 2006.

*Artkolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-8 ta' Settembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Id-distrett amministrattiv ta' Vratsa